Minuti tal-laqgħa numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru, 2025 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-5.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander (Sandro) Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

18.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Presedenza u ittra ta' apoloġija

Is-SE qal li rċieva apoloġija mis-Sur Terrence Sant li kienet aċċettata b'vot unanimu u l-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sur Sandro Craus, is-Sindku.

18.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru (17) sbatax** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru sbatax kienu approvati unanimament wara li ttieħdu b'moqrija u kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Matthew Chetcuti, il-Viċi Sindku.

18.02.01 **Bonġu Malta** — Bonġu Malta

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-programm Bonġu Malta li se jittella' nhar il-Ħadd, 14 ta' Diċembru, 2025 fil-lokalità tagħna. Hu qal illi wara l-laqgħa li saret għal kull min ħsibna li jista' jagħti kontribut f'dan il-programm, tajna lista komprensiva ta' ismijiet lill-Production Manager, is-Sur Ryan Schembri ta' dan il-programm li wkoll kien mistieden għal din il-laqgħa. Is-SE qal li loġistikament kollox huwa mħejji bil-kollaborazzjoni mal-logistics Manager is-Sur Aaron Pace

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li min-naħa tagħna kkollaborajna mas-soċjetajiet tal-banda kemm stajna u dwar l-ikel se jkunu huma stess li jsajjru mill-imħażen tagħhom u jġibuh fil-Pjazza tal-Parroċċa fejn ikun qed jittella' l-programm dirett.

18.02.02 — Garage/container

Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar id-diskussjoni li kienet qamet fis-seduta preċedenti biex jinxtara garage mil-Kunsill. Hu qal li peress li kunsill suppost joħroġ offerta pubblika ma jkunx hemm għalfejn jinxtraw għodda u jinżammu f'dan il-garage. Saret referenza għall-garage li qed jintuża minnha f'Għajn Qajjet kif ukoll għall-garage li

qed jislifna is-Sur Tonna fi Triq Bir ir-Riebu. Dwar tal-ewwel, jekk dan se jaqa' biex jinbena mil-ġdid, iridu jitpoġġew f'maħżen per eżempju 16-il road barrier li tawna ir-Reġjun Punent u mhux biss il-makni tat-tindif li tawna għall-użu d-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni. Dwar tal-aħħar, dan jista' jdur fuqna u jitlobna kera' ta' sena sħiħa daqs kemm ilna nużawh, ġaladarba ma ingħatax it-tender tal-kiri tal-garage li ħareġ għal darba, darbtejn il-KLR. Is-Sur Nazju Cassar insista li jinxtara container u jitpoġġa per eżempju Tal-Virtù biex titpoġġa l-għodda fih, filwaqt li xi kunsillieri ma qablux għax qalu li jkollna l-inkwiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-ERA fejn jitpoġġa.

| | | |
|---|---|---|
| 18.02.03 | Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq suġġeriment li kien tressaq fil-laqgħa preċedenti li qal li ma tniżżilx fil-minuti. Hu qal li kien saħaq biex isir *major patching* quddiem id-djar f'Ħofret ir-Rizz. Dwar din il-proposta issekondah is-Sur Rudolph Grima dak il-ħin u din għaddiet unanimament. | Major Patching |

Is-Sinjuri Nazju Cassar u Rudolph Grima telqu mil-kamra fis-19.20hr. Huma kienu skużati.

| | | |
|---|---|---|
| 18.03 | **Ċedola tal-Pagamenti**<br>Iċ-Ċedola tal-pagamenti numru 376 kienet approvata unanimament wara li kienet proposta u ssekondata mil-kunsillieri li ffirmaw l-istess skeda. | Ċedola tal-Pagamenti |
| 18.04 | **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi**<br>Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru 93 kienet approvata unanimament wara li kienet proposta u ssekondata mil-kunsillieri li ffirmaw fuqha. | Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi |
| 18.05 | **Bye-Law – Keeping Rabat Clean**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-bye-law proposta mil-Kunsill Lokali tar-Rabat li wkoll kienet imsemmija fil-laqgħa preċedenti. Hu qal illi l-avukat Dr Sladden qiegħed jaħdem fuqha. Dwar l-ilma bis-sapun li jrid jintefa' fuq il-post fejn ikun qeda l-bżonnijiet tiegħu il-kelb, is-Sa Charmaine Balzan qalet li tippreferi li flok sapun fil-flixkun ikun hemm diżinfettant minħabba li fuq is-sapun jista' jiżloq xi ħadd. Is-SE għamel referenza għall-annex li tirreferi għaliha l-bye-law dwar il-postijiet fejn jitimgħu il-qtates stray. Hu qal li dawn is-siti li ntagħżlu, huma l-istess siti li kienu sottomessi lilna mir-reġistru tal-*cat feeders* li bena l-KLR. Din il-bye-law kienet approvata fil-prinċipju. | Bye Law |
| 18.06 | **Budget 2026**<br>Is-SE ippreżenta l-budget għas-sena 2026. Wara diversi klarifikazzjonijiet dan kien approvat b'vot unanimu hekk kif issa kienet magħrufa l-figura tal-allokazzjoni finanzjarja mil-Gvern Ċentrali. | Budget 2026 |

18.07 **Bollard quddiem il-maħżen tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam**
Kien hemm diskussjoni dwar din il-bollard u ma kienx hemm qbil li ssir biex ma jitnaqqasx parkeġġ. Dan għaliex quddiem maħżen, il-liġi tgħid li wieħed jista' jipparkja u meta jkun hemm bżonn li jinħarġu jew jidħlu xi affarijiet fih, il-KLR bħas-soltu joħroġ in-no parking mingħajr ħlas lejn l-istess għaqda. Bollard

18.08 **Ġemellaġġi proposti**
Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-korrispondenza li intbgħatet mal-agenda biex isir ġemellaġġ ma' L'Isle Adam fi Franza u ma' Poneareas fi Spanja b'rabta mal-Każin L'Isle Adam u mal-Festa ta' Corpus Christi. Il-KLR ma kellux oġġezzjoni għal dawn il-ġemellaġġi, filwaqt li s-Sindku qal li l-importanti hija l-ħbiberija u ma hemmx lok għal ħafna safar u infiq ta' flus żejda. Ponteareas u L'Isle Adam

18.09 **Reviżjoni fir-rati - Advertisements on Street Furniture (Rabat Local Council) Bye-Laws, 2005**
Kien hemm qbil unanimu illi dawn ir-rati li llum huma redikoli jkunu jirriflettu l-prezz tas-suq. Se jsir eżerċizzju f'dan ir-rigward u jitilgħu ir-rati l-ġodda għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Reviżjoni tar-rati tal-bye law

18.10 **Tismija ta' toroq**
Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bżonn li titressaq talba fi ħdan il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex parti minn Triq il-Katakombi jinbidlilha isimha għal Triq Dun Ġwann Azzopardi u parti minn Triq Doni tinbidel għal Triq l-Isqof Silvestru Magro. Fil-prinċipju kien hemm qbil unanimu filwaqt li kien hemm qbil biex nipposponu din it-talba in vista li għadhom kemm jinbidlu l-karti tal-Identità u dan it-tibdil iqajjem skumdità għar-residenti. Madankollu it-talba tax-Xagħra ta' Ġirad se titressaq iminentement peress li fiha ma joqgħodux residenti u l-isem il-ġdid se jkun Triq l-Isfejġel. Tismija ta' Toroq Ġodda.

18.11 **Performance Bonus**
Il-kunsillieri raw il-performance appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-ħaddiema kollha tal-Kunsill u dawn se jkunu qed jieħdu l-*performance bonus* massimu b'apprezzament tal-ħidma tagħhom fl-2025. Is-SE f'isem il-ħaddiema irringrazzja lil kunsillieri. Performance Appraisals u Bonus

18.13 **Talba għal kumpens – Incident fi Triq San Ġużepp u ieħor fi Triq Tabija**
Dawn it-talbiet kienu diskussi. Lil dawn il-persuni se ninfurmawhom biex jgħaddu l-ilment lill-Kumitat Natalis Notabilis u lill-Infrastruttura Malta rispettivament għaliex tyre minnhom infaqa' fuq biċċa ħadida li tpoġġiet biex kienet organizzata l-attività Natalis Notabilis u l-inċident l-ieħor fuq *storm water culvert* li għadu fil-garanzija li Infrastruttura Malta għandha mal-kuntrattur Bonnici Bros. Talba għall-kumpens

18.14 **Attivitajiet**
Kienu diskussi l-attivitajiet tat-trenn fir-Rabat u fil-komunità tal-Baħrija kif ukoll l-attività *Breakfast with Santa and Friends.* Attività Attivitajiet

oħra li kienet imsemmija speċjalment fejn jidħol it-tindif tat-toroq hija dik ta' *Natalis Notabilis,* is-Suq tal-Milied.

18.15 **Punti Oħra**

18.15.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq permess tal-Iżvilupp ta' Razzett trasformat f'Villa bis-*Swimming Pool* fi Triq Għeriexem. Hu qal li dwar dan l-iżvilupp il-Kunsill fil-leġislatura preċedenti kien laqqa' kemm lil Perit u anke lill-Avukat u inġabru firem biex kienet sottomessa petizzjoni li waqqgħet din l-applikazzjoni. Issa skoprejna li permezz ta' numru ta' applikazzjoni oħra, ħareġ il-permess tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq applikazzjoni tal-2002. Kien suġġerit li jiġu ikkuntattjati kemm il-Perit kif ukoll l-avukat qabel ma ssir insistenza fuq dan l-iżvilupp mal-Membri Parlamentari biex insalvaw il-Wied ta' Għeriexem. Wied t'Gheriexem

18.15.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq korrispondenza li rċevejna mill-Kap tal-Iskola Primarja B biex jiġi mibni *playing field* fl-istess bitħa tal-Iskola li kienet inawgurata fil-bidu ta' din is-sena skolastika. Hu qal li l-Kap tal-Iskola ġabret l-istimi ta' tliet fornituri tal-bandli. Madankollu jekk naqblu li ssir din il-playing field, irridu noħorġu offerta pubblika. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jottjeni fondi permezz tal-Fond għall-Iżvilupp Urban biex ikunu irkuprati l-ispejjeż minnu. Għaldaqstant se nitolbu lil Perit biex joħroġ id-diżinn, il-BOQ u l-ispeċifikazzjonijiet. Bandli

18.15.03 Għad-domanda tas-Sur Nazju Cassar jekk nistgħux nużaw dan il-fond għall-Iżvilupp għal proġetti oħra, is-SE qal li imbasta ma jkunux investiti f'tarmak, konkos (broom flaked, iżda *concrete print/imprint*), dwal tat-toroq *total cut off* u għamara tat-toroq. Dwar dan kien hemm il-ħsieb li napplikaw biex jitpoġġew ċangaturi f'bankini ġodda: Misraħ San Duminku, Għar Barka, Vjal il-Ħaddiem, Triq Santa Rita faċċata tal-Kappella ta' Qasgħa u postijiet oħra. Fond għall-Iżvilupp

18.15.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bżonn li nsibu perit jew kumpanija biex tħejjilna rapport dwar pedestrianisation u traffic management. Għal dan il-għan se tkun analizzata l-proposta ta' *ADI Associates Environmental Consultants Ltd*. Dan wara li sirna nafu li Transport Malta lanqas kienet approvat toroq pedonali li ilhom is-snin iservu hekk. Intant issa dawn applikajna għalihom permezz ta' ritratti li ttieħdu ta' tabelli ta' *no entries* għall-vetturi li huma *faded out* bħala xhieda li dawn it-toroq ilhom snin magħluqa għat-traffiku. Immaniġġjar tat-Traffiku

18.15.05 Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq il-bżonn li jinqata' l-ħaxix ħażin minn Tas-Salib. Hawn se jsir komunikat mas-Sur Pawlu Grech biex jinqata' dan il-ħaxix li jidher li qiegħed f'*area* lokalizzata. Qtugħ tal-ħaxix ħażin

18.15.06 Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq żewġ applikazzjonijiet li kienu sottomessi lill-Transport Malta, waħda fuq xiri ta' roti elettriċi u l-oħra dwar għeluq ta' toroq b'bollards elettriċi li jitilgħu mill-art biex jingħalqu t-toroq biex fihom per eżempju jsiru sezzjonijiet ta' logħob Applikazzjonijiet dwar Mobilità

tat-tfal fit-toroq. Hu qal li kkwalifikajna għalihom u se naħdmu biex noħorġu l-offerti pubbliċi.

18.15.07 Is-SE talab lill-kunsillieri jieħdu flixkun żejt taż-żebbuġa magħhom id-dar bħala ġest ta' ringrazzjament wara l-inizjattiva li kien hemm min-naħa tar-Reġjun Punent kif ukoll mil-ħaddiema tal-Kunsill biex ma jintilifx billi jaqa' mis-siġra iż-żebbuġ li għandna f'postijiet pubbliċi li din is-sena għall-ewwel darba inġabar għall-għasir. Zejt taż-żebbuġa

18.16 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-KLR se jiltaqa' nhar il-21 ta' Jannar 2026 fil-5.00pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10 ta' Diċembru 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku